**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Ġunju 2019 — Vinnolit vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-743/15)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mogħtija minn ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi Ġermaniża emendata dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli — Annullament tal-att ikkontestat mill-Qorti tal-Ġustizzja — Kawża li ma għadx għandha skop — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2019/C 295/47)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Vinnolit GmbH & Co. KG (Ismaning, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Geipel, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche u K. Herrmann, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1585 tal-25 ta' Novembru 2014 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) [implimentata mill-Ġermanja għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli u tal-utenti li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija] (ĠU 2015, L 250, p. 122).

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors odjern.*

2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk ta' Vinnolit GmbH & Co. KG.*

---

([1]) ĠU C 59, 15.2.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ġunju 2019 — Fugro vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-317/18)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Programm ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo — Speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali — Nuqqas ta' inċidenza diretta — Inammissibbiltà manifesta")***

(2019/C 295/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Fugro NV (Leidschendam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment T. Snoep u V. van Weperen, sussegwentement V. van Weperen, H. Gornall u J. de Pree, avukati)